

Il-Ġurnal Uffiċjali

tal-Unjoni Ewropea

C 246



Edizzjoni bil-Malti

Informazzjoni u Avviżi

Volum 52

14 ta' Ottubru 2009

<u>Avviż Nru</u>	<u>Werrej</u>	<u>Paġna</u>
I <i>Riżoluzzjonijiet, Rakkomandazzjonijiet u Opinjonijiet</i>		
OPINJONIJIET		
Il-Bank Ċentrali Ewropew		
2009/C 246/01	Opinjoni tal-Bank Ċentrali Ewropew tad-29 ta' Settembru 2009 fuq proposta għal Regolament tal-Kunsill dwar l-introduzzjoni tal-euro (CON/2009/76)	1
II <i>Komunikazzjonijiet</i>		
KOMUNIKAZZJONIJIET MINN ISTITUZZJONIJIET U KORPI TAL-UNJONI EWROPEA		
Il-Kummissjoni		
2009/C 246/02	Awtorizzazzjoni tal-għajnuna Statali fil-qafas tad-Dispożizzjonijiet tal-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat tal-KE – Fir-rigward ta' dawn il-każijiet il-Kummissjoni ma tqajjimx oġġezzjonijiet ⁽¹⁾	3
2009/C 246/03	Awtorizzazzjoni tal-għajnuna Statali fil-qafas tad-Dispożizzjonijiet tal-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat tal-KE – Fir-rigward ta' dawn il-każijiet il-Kummissjoni ma tqajjimx oġġezzjonijiet ⁽¹⁾	5

MT

<u>Avviż Nru</u>	Werrej (ikompli)	Paġna
2009/C 246/04	Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata (Każ COMP/M.5530 – Glaxo Smith Kline/Stiefel Laboratories) ⁽¹⁾	6

IV *Informazzjoni*

INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET U KORPI TAL-UNJONI EWROPEA

Il-Kummissjoni

2009/C 246/05	Rata tal-kambju tal-euro	7
---------------	--------------------------------	---

V *Avviżi*

PROĊEDURI AMMINISTRATTIVI

European Investment Bank

2009/C 246/06	Sejħa għal Proposti – Il-Bank Ewropew tal-Investiment qed jipproponi sponsorship ġdid tal-EIBURS fi ħdan l-Azzjoni ta' Riċerka tal-Universitajiet-BEI	8
---------------	---	---

PROĊEDURI GĦALL-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

Il-Kummissjoni

2009/C 246/07	Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni (Każ COMP/M.5616 – SG Vetri/Zignago Vetro/Ardagh Glass/Ecosud) ⁽¹⁾	10
2009/C 246/08	Komunikazzjoni mill-Ministru għall-Affarijiet Ekonomiċi tar-Renju tal-Olanda skont l-Artikolu 3(2) tad-Direttiva 94/22/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-kundizzjonijiet għall-għoti u l-użu ta' awtorizzazzjonijiet għall-ipprospettar, l-esplorazzjoni u l-produzzjoni tal-idrokarburi	11



⁽¹⁾ Test b'relevanza għaż-ŻEE

I

(Riżoluzzjonijiet, Rakkomandazzjonijiet u Opinjonijiet)

OPINJONIJIET

IL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

OPINJONI TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

ta' 29 ta' Settembru 2009

fuq proposta għal Regolament tal-Kunsill dwar l-introduzzjoni tal-euro

(verżjoni kodifikata)

(CON/2009/76)

(2009/C 246/01)

Introduzzjoni u bażi legali

Fl-15 ta' Lulju 2009, il-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) irċieva talba mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea għal opinjoni fuq proposta għal Regolament tal-Kunsill dwar l-introduzzjoni tal-euro (Verżjoni kodifikata) ⁽¹⁾ (minn hawn 'il quddiem ir-"regolament propost").

Il-kompetenza tal-BĊE biex jagħti opinjoni hija bbażata fuq l-Artikolu 123(4), it-tielet sentenza, tat-Trattat li jstabilixxi l-Komunità Ewropea. Skont l-ewwel sentenza tal-Artikolu 17.5 tar-Regoli ta' Proċedura tal-Bank Ċentrali Ewropew, il-Kunsill Governattiv adotta din l-opinjoni.

Il-BĊE ġeneralment jilqa' l-kodifikazzjoni tal-*acquis communautaire*, partikolarment fil-qasam tal-unjoni ekonomika u monetarja, li tikkontribwixxi għal qafas ċar, effettiv u trasparenti legali.

Proposta ta' abbozzar speċifika tidher fl-Anness akkumpanjata b'test spjegattiv f'dan is-sens.

Magħmul fi Frankfurt am Main, fid-29 ta' Settembru 2009.

Il-President tal-BĊE

Jean-Claude TRICHET

⁽¹⁾ KUMM(2009) 323 finali.

ANNEX

Proposti tal-abbozzar

Test propost mill-Kummissjoni	Emendi proposti mill-BĊE ⁽¹⁾ , ⁽²⁾
-------------------------------	--

Emenda 1

Dispożizzjonijiet finali

“Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u jkun direttament applikabbli fl-Istati Membri kollha, skont l-Artikolu 249 tat-Trattat, bla ħsara għall-Protokoll dwar ċerti dispożizzjonijiet rigward ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq u l-Protokoll dwar ċerti dispożizzjonijiet rigward id-Danimarka u l-Artikolu 122(1) tat-Trattat.”	“Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u jkun direttament applikabbli fl-Istati Membri kollha, skont l-Artikolu 249 tat-Trattat, bla ħsara għall-Protokoll dwar ċerti dispożizzjonijiet rigward ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq u l-Protokoll dwar ċerti dispożizzjonijiet rigward id-Danimarka u l-Artikolu 122(1) it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea. ”
---	---

Spjegazzjoni

Il-kliem suġġerit isegwi l-gwida pprovduta mill-manwal ta' preċedenti għal atti stabbilit fil-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (doc. SN 1315/1/08 Rev 1, paġna 3), disponibbli bl-Ingliż fuq <http://ec.europa.eu>, fejn jingħad li “Dan il-kliem għandu jiddaħħal minflok il-kliem tas-soltu meta r-regolament ma jkunx japplika għal, jew fi, l-Istati Membri kollha (eż. l-Istati Membri li ma jieħdux sehem fl-euro...)”.

⁽¹⁾ Il-grassett fil-korp tat-test jindika fejn il-BĊE qed jipproponi test ġdid.

⁽²⁾ L-ingassar (~~strikethrough~~) fil-korp tat-test jindika fejn il-BĊE jipproponi li jħassar test.

II

(Komunikazzjonijiet)

KOMUNIKAZZJONIJIET MINN ISTITUZZJONIJIET U KORPI TAL-UNJONI EWROPEA

IL-KUMMISSJONI

Awtorizzazzjoni tal-għajnuna Statali fil-qafas tad-Dispożizzjonijiet tal-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat tal-KE

Fir-rigward ta' dawn il-każijiet il-Kummissjoni ma tqajjimx oġġezzjonijiet

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2009/C 246/02)

Data tal-adozzjoni tad-Deċiżjoni	11.9.2009
In-numru ta' referenza tal-għajnuna	N 175/09
Stat Membru	Il-Bulgarija
Reġjun	It-territorju kollu tal-Bulgarija.
Titolu (u/jew isem tal-benefiċjarju)	N 175/09 (ex PN 132/08) — Bulgarija — Средства от републиканския бюджет под формата на капиталови трансфери за модернизация на подвижен железопътен състав за пътнически превози за „БДЖ“ ЕАД
Il-bażi legali	Закон за държавния бюджет на Р.България за 2009 г. — § 7 от преходните и заключителни разпоредби; Постановление № 11 от 20 януари 2009 година за разходване на средствата от резерва за непредвидени и неотложни разходи в частта за допълнителни фискални мерки по чл. 1, ал. 2, т. 4.3 от Закона за държавния бюджет на Република България; Решение на НС от 19 февруари 2009 г. по доклада на Временната анкетна комисия за проучване на обстоятелствата за трагичния инцидент влака София — Кардам на 28 февруари 2008 г., както и на нормативната уредба, свързана с безопасността на железопътния транспорт.
It-tip tal-miżura	Għajnuna individwali ad hoc
L-għan	Żvilupp reġjonali
Il-forma tal-għajnuna	Sussidju dirett għar-rinovazzjoni, ir-riċiklaġġ u l-modernizzazzjoni ta' materjal ferrovjarju.
L-estimi	BGN 45 000 000 (EUR 22 752 500)
L-intensità	50 %
It-tul ta' żmien	Skadenza tal-ġhoti tal-għajnuna fil-31 ta' Diċembru 2009
Setturi ekonomiċi	It-trasport ferrovjarju

Isem u indirizz tal-awtorità responsabbli mill-ghajjnuna	Министерство на финансите ул. „Г.С.Раковски“ № 102 1000 София/Sofia БЪЛГАРИЯ/BULGARIA
Aktar informazzjoni	—

It-test tad-deċiżjoni fil-lingwa jew lingwi awtentika/awtentiċi, li minnu tneħħew il-partijiet kunfidenzjali kollha, jinsab fuq is-sit:

http://ec.europa.eu/community_law/state_aids/state_aids_texts_mt.htm

Data tal-adozzjoni tad-Deċiżjoni	10.9.2009
In-numru ta' referenza tal-ghajjnuna	N 184/09
Stat Membru	Il-Ġermanja
Reġjun	—
Titolu (u/jew isem tal-benefiċjarju)	Richtlinie zur Förderung des Neu- und Ausbaus sowie der Reaktivierung von privaten Gleisanschlüssen
Il-bażi legali	Richtlinie zur Förderung des Neu- und Ausbaus sowie der Reaktivierung von privaten Gleisanschlüssen auf der Grundlage der Allgemeinen Verwaltungsvorschriften (VV-BHO) zu §§ 23, 44 Bundeshaushaltsordnung (BHO)
It-tip tal-miżura	Skema ta' ghajjnuna
L-għan	Biex jingħataw il-fondi għall-kostruzzjoni, l-estensjoni u r-riattivazzjoni tal-binarji ż-żgħar tal-ferrovija privati sabiex jizjed it-traffiku tal-merkanzija tal-ferrovija bl-iskop li parti mit-traffiku tal-merkanzija jiċċaqlaq mit-triq għall-ferroviji.
Il-forma tal-ghajjnuna	Għotja diretta
L-estimi	EUR 32 miljun fis-sena u baġit totali ta' EUR 96 miljun
L-intensità	50 %
It-tul ta' żmien	Mill-1 ta' Settembru 2009 sal-31 ta' Awwissu 2012
Setturi ekonomiċi	It-trasport bil-ferroviji
Isem u indirizz tal-awtorità responsabbli mill-ghajjnuna	—
Aktar informazzjoni	—

It-test tad-deċiżjoni fil-lingwa jew lingwi awtentika/awtentiċi, li minnu tneħħew il-partijiet kunfidenzjali kollha, jinsab fuq is-sit:

http://ec.europa.eu/community_law/state_aids/state_aids_texts_mt.htm

Awtorizzazzjoni tal-għajnuna Statali fil-qafas tad-Dispożizzjonijiet tal-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat tal-KE

Fir-rigward ta' dawn il-każijiet il-Kummissjoni ma tqajjimx oġġezzjonijiet

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2009/C 246/03)

Data tal-adozzjoni tad-Deċiżjoni	27.5.2009
In-numru ta' referenza tal-għajnuna	N 471/05
Stat Membru	L-Italja
Reġjun	Abruzzo
Titolu (u/jew isem tal-benefiċjarju)	Risarcimento dei danni subiti dagli acquacoltori
Il-bażi legali	Legge finanziaria regionale n. 6/2005
It-tip tal-miżura	Skema ta' għajnuna
L-għan	Kumpens għad-danni
Il-forma tal-għajnuna	Sussidju dirett
L-estimi	EUR 9 600
L-intensità	40 %
It-tul ta' żmien	Sena finanzjarja waħda
Setturi ekonomiċi	Akkwakultura
Isem u indirizz tal-awtorità responsabbli mill-għajnuna	Giunta Regionale Via Catullo n. 17 65127 Pescara PE ITALIA
Aktar informazzjoni	—

It-test tad-deċiżjoni fil-lingwa jew lingwi awtentika/awtentiċi, li minnu tneħħew il-partijiet kunfidenzjali kollha, jinsab fuq is-sit:

http://ec.europa.eu/community_law/state_aids/state_aids_texts_mt.htm

Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata
(Każ COMP/M.5530 – Glaxo Smith Kline/Stiefel Laboratories)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2009/C 246/04)

Fis-17 ta' Lulju 2009, il-Kummissjoni ddeċidiet li ma topponix il-konċentrazzjoni notifikata msemmija hawn fuq u li tiddikjaraha kompatibbli mas-suq komuni. Din id-deċiżjoni hi bbażata fuq l-Artikolu 6(1)b tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004. It-test sħiħ tad-deċiżjoni hu disponibbli biss fl-Ingliż u ser isir pubbliku wara li jitneħħa kwalunkwe sigriet tan-negozju li jista' jkun fih. Dan it-test jinstab:

- Fit-taqsimha tal-amalgamazzjoni tal-websajt tal-Kummissjoni dwar il-Kompetizzjoni (<http://ec.europa.eu/competition/mergers/cases/>). Din il-websajt tipprovdi diversi faċilitajiet li jgħinu sabiex jinstabu d-deċiżjonijiet individwali ta' amalgamazzjoni, inklużi l-kumpanija, in-numru tal-każ, id-data u l-indiċi settorjali,
 - f'forma elettronika fil-websajt EUR-Lex (<http://eur-lex.europa.eu/en/index.htm>) fid-dokument li jgħib in-numru 32009M5530. Il-EUR-Lex hu l-aċċess fuq l-internet għal-liġi Ewropea.
-

IV

(Informazzjoni)

INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET U KORPI TAL-UNJONI EWROPEA

IL-KUMMISSJONI

Rata tal-kambju tal-euro ⁽¹⁾

It-13 ta' Ottubru 2009

(2009/C 246/05)

1 euro =

Munita	Rata tal-kambju	Munita	Rata tal-kambju		
USD	Dollari Amerikan	1,4864	AUD	Dollari Awstraljan	1,6341
JPY	Yen Ġappuniż	133,02	CAD	Dollari Kanadiż	1,5308
DKK	Krona Daniża	7,4441	HKD	Dollari ta' Hong Kong	11,5198
GBP	Lira Sterlina	0,94080	NZD	Dollari tan-New Zealand	2,0118
SEK	Krona Żvediża	10,3390	SGD	Dollari tas-Singapor	2,0753
CHF	Frank Żvizzeru	1,5170	KRW	Won tal-Korea t'Isfel	1 736,20
ISK	Krona Iżlandiża		ZAR	Rand ta' l-Afrika t'Isfel	10,8834
NOK	Krona Norveġiża	8,3280	CNY	Yuan ren-min-bi Ċiniż	10,1469
BGN	Lev Bulgaru	1,9558	HRK	Kuna Kroata	7,2540
CZK	Krona Ċeka	25,923	IDR	Rupiah Indoneżjan	14 039,86
EEK	Krona Estona	15,6466	MYR	Ringgit Malajjan	5,0411
HUF	Forint Ungeriż	268,79	PHP	Peso Filippin	69,055
LTL	Litas Litwan	3,4528	RUB	Rouble Russu	43,8885
LVL	Lats Latvjan	0,7090	THB	Baht Tajlandiż	49,490
PLN	Zloty Pollakk	4,2330	BRL	Real Brażiljan	2,5738
RON	Leu Rumun	4,2960	MXN	Peso Messikan	19,5910
TRY	Lira Turka	2,1660	INR	Rupi Indjan	68,8870

⁽¹⁾ Sors: rata tal-kambju ta' referenza ppubblikata mill-Bank Ċentrali Ewropew.

V

(Avviżi)

PROĊEDURI AMMINISTRATTIVI

EUROPEAN INVESTMENT BANK

Sejħa għal Proposti

Il-Bank Ewropew tal-Investment qed jipproponi sponsorship ġdid tal-EIBURS fi ħdan l-Azzjoni ta' Riċerka tal-Universitajiet-BEI

(2009/C 246/06)

Il-Bank Ewropew tal-Investment imexxi l-biċċa l-kbira tar-relazzjonijiet istituzzjonali tiegħu mal-universitajiet permezz tal-Azzjoni ta' Riċerka tal-Universitajiet-BEI li tikkonsisti fi tliet programmi differenti:

- **EIBURS**, (**EIB University Research Sponsorship Programme** — Programm ta' Sponsorship għar-Riċerka Universitarja tal-BEI),
- **STAREBEI**, (**STAgés de REcherche BEI** — Apprendistati ta' Riċerka tal-BEI), programm ta' finanzjament għal riċerkaturi żgħażaġh li jaħdmu fuq proġetti konġunti tal-BEI u Universitajiet, u
- **EIB University Networks**, (Netwerks Universitarji tal-BEI), mekkaniżmu ta' kooperazzjoni għal netwerks universitarji li juru karatteristiċi li huma ta' rilevanza partikolari biex jappoġġaw l-oġettivi tal-Grupp tal-BEI.

L-**EIBURS** jipprovdi għotjiet liċ-Ċentri ta' Riċerka Universitarja li jaħdmu fuq suġġetti ta' riċerka u temi ta' interess kbir għall-Bank. L-isponsorships tal-BEI, li jammontaw sa EUR 100 000 fis-sena għal perjodu ta' tliet snin, jingħataw permezz ta' proċess kompetittiv lil dipartimenti universitarji jew ċentri ta' riċerka interessati, li huma assoċjati ma' universitajiet tal-UE, jew ta' Pajjiżi ta' Adeżjoni jew fil-Fażi ta' Adeżjoni, b'ħila rikonoxxuta f'oqsma magħżula mill-BEI, sabiex ikunu jistgħu jespandu l-attivitajiet tagħhom f'dawk l-oqsma. Il-proposta rebbieħa tkun tinvolvi l-kisba ta' għadd ta' riżultati (riċerka, organizzazzjoni ta' korsijiet u seminars, netwerking, tixrid ta' riżultati, eċċ.) li jkunu s-suġġett ta' ftehim kuntrattwali mal-Bank.

Għas-sena akkademika 2009/2010, il-programm **EIBURS** għażel linja ġdida ta' riċerka:

— Fondi ta' Żvilupp Urban fl-Ewropa: Opportunitajiet, Strutturi, Operazzjonijiet

L-Appoġġ Konġunt Ewropew għall-Investment Sostenibbli fiż-Żoni Urbani (JESSICA), li huwa inizjattiva politika tal-Kummissjoni Ewropea u tal-BEI, huwa mfassal biex jippromwovi l-Fondi ta' Żvilupp Urban (UDFs), jiġifieri strumenti ta' inġinerija finanzjarja li jappoġġaw l-investment fl-iżvilupp sostenibbli urban. JESSICA tirrispondi għall-ħtieġa li tingħata għajna għat-tiġdid u t-trasformazzjoni ta' bliet Ewropej, u li tiġi indirizzata l-iskarsezza ta' fondi ta' investment għal sħubijiet bejn is-settur pubbliku u l-privat (PPPs) u proġetti li jikkonformaw mal-kriterji ta' żvilupp urban integrat u sostenibbli.

L-inizjattiva hija maħsuba biex trawwem it-tkabbir ta' segment ġdid fis-suq Ewropew tal-fondi ta' investment, li jikkonsisti fi strumenti ta' investment speċjalizzati fl-identifikazzjoni u l-investimenti fassi sostenibbli tal-bliet u appoġġ għal operatori ta' trasformazzjoni urbana li huma kapaċi jiksbu riżultati ta' żvilupp sostenibbli urban. Dan is-settur emerġenti tas-suq tal-fondi għandu xi xebh ma' strumenti eżistenti, bħal fondi ta' infrastruttura, fondi ta' proprjetà immobbli u fondi etċi, iżda jikkombina wħud mill-karatteristiċi tagħhom fi strutturi organizzattivi ġodda li jiddependu fuq modi ta' governanza speċifiċi, ħiliet professjonali, kapaċitajiet analitiċi u ta' netwerking.

Il-programm ta' riċerka propost għandu jiffoka fuq dan is-settur il-ġdid u jikkarakterizza l-forom tiegħu fid-diversi pajjiżi u reġjuni Ewropej. Il-programm għandu jirrevedi l-aħħar żviluppi u ħsieb attwali dwar il-UDFs, biex b'hekk jikkontribwixxi sabiex jitnaqqas id-distakk bejn il-komunità professjonali u akkademika. Għandu jikkunsidra wkoll proċessi ta' żvilupp urban fl-Ewropa u l-impatti tagħhom fuq medda ta' żmien medju sa twil fuq id-domanda għal assi u servizzi urbani u l-ħtiġijiet ta' investment assoċjati. Wieħed mill-objettivi ewlenin tal-programm huwa li jipprovdi lill-UDFs, bħala investituri fl-iżvilupp urban sostenibbli, bi ftehim aħjar tar-riskji u l-opportunitajiet assoċjati ma' investment fit-tul fi bliet Ewropej. Il-proposta rebbieħa hija mistennija li turi l-kapaċità li jiġu kkombinati l-kapaċità ta' riċerka, l-esperjenza u r-riżorsi ta' dejta tal-kandidat mad-dokumentazzjoni estensiva pprovdata mill-istudji kkummissjonati mill-BEI permezz tal-inizjattiva JESSICA.

Il-programm ta' riċerka propost huwa mistenni li jwassal għal riżultati li jinkludu:

- dokumenti għal pubblikazzjoni f'ġurnali akkademiċi u professjonali,
- mudelli organizzattivi/operattivi għal UDFs, inklużi strutturi legali, prinċipji u kriterji ta' prestazzjoni, metodi u punti ta' referenza biex jiġu evalwati u amministrati portafolji ta' assi,
- moduli ta' taħriġ għal investituri fit-tul, inklużi speċjalisti u professjonisti involuti f'operazzjonijiet u proġetti urbani tat-tip UDF, strutturar finanzjarju u assistenza konsultattiva/teknika.

Id-data tal-għeluq għall-preżentazzjoni ta' proposti hija t-30 ta' Novembru 2009. Proposti ppreżentati wara din id-data ma jiġux ikkunsidrati. Il-proposti għandhom jintbagħtu lil:

EIB-Universities Research Action
100, boulevard Konrad Adenauer
2950 Luxembourg
LUXEMBOURG

Għall-attenzjoni ta' Ms Luisa Ferreira, ko-ordinatriċi.

Għal taħrif aktar dettaljat dwar il-proċess ta' għażla tal-**EIBURS** u dwar il-programmi u l-mekkaniżmi l-oħrajn, jekk jogħġbok żur www.eib.org/universities.

PROCĊEDURI GĦALL-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

IL-KUMMISSJONI

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Każ COMP/M.5616 – SG Vetri/Zignago Vetro/Ardagh Glass/Ecosud)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2009/C 246/07)

1. Fil-5 ta' Ottubru 2009 il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru. 139/2004 ⁽¹⁾ li permezz tagħha l-impriża Saint-Gobain Vetri S.p.A. ("Vetri", l-Italja), proprjetà ta' Saint-Gobain Group, France, Zignago Vetro S.p.A. ("Zignago", l-Italja) u Ardagh Glass s.r.l. ("Ardagh", l-Italja) li jappartjenu lill-Irish Ardagh Glass Group jakkwistaw fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament tal-Kunsill il-kontroll konġunt tal-impriża Ecosud s.r.l. ("Ecosud", l-Italja) permezz tax-xiri ta' ishma f'kumpanija għda li tikkostittwixxi impriża konġunta.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

- Vetri tispeċjalizza fil-produzzjoni ta' ippakkettjar tal-ħġieġ, użat l-aktar għall-ikel u x-xorb,
- Zignago tipproduċi kontenituri tal-ħġieġ vojta minn ġewwa użati l-aktar għall-ippakkettjar tal-ikel u x-xorb,
- Ardagh hija attiva fil-produzzjoni u l-bejgħ ta' ħġieġ vojta minn ġewwa,
- Ecosud għandha tkun attiva fir-riċiklaġġ ta' skart tal-ħġieġ.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni ssib li l-operazzjoni nnotifikata tista' taqa' fl-ambitu tar-Regolament (KE) Nru 139/2004. Madanakollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

4. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati biex jibagħtu kwalunkwe kumment li jista' jkollhom dwar l'operazzjoni proposta lill-Kummissjoni.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni bil-faks (+32 22964301 jew 22967244) jew bil-posta, taħt in-numru ta' referenza COMP/M.5616 – SG Vetri/Zignago Vetro/Ardagh Glass/Ecosud, fl-indirizz li ġej:

Il-Kummissjoni Ewropea
Direttorat Ġenerali għall-Kompetizzjoni
Reġistru tal-Amalgamazzjonijiet
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

⁽¹⁾ ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1.

Komunikazzjoni mill-Ministru għall-Affarijiet Ekonomiċi tar-Renju tal-Olanda skont l-Artikolu 3(2) tad-Direttiva 94/22/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-kundizzjonijiet għall-għoti u l-użu ta' awtorizzazzjonijiet għall-ipprospettar, l-esplorazzjoni u l-produzzjoni tal-idrokarburi

(2009/C 246/08)

Il-Ministru tal-Affarijiet Ekonomiċi qiegħed hawnhekk javża li rċieva applikazzjoni għal awtorizzazzjoni għall-ipprospettar tal-idrokarburi f'parti mill-blokk F13 kif indikat fuq il-mappa mehmuża bħala l-Anness 3 tar-Regolament dwar il-Minjieri (*Mijnbouwregeling*) (Gazzetta tal-Gvern (*Staatscourant*) 2002, Nru 245). Iż-żona konċernata għandha tiġi deżinjata bħala t-taqsimha F13b tal-blokk.

B'referenza għad-Direttiva msemmija fl-introduzzjoni u għall-Artikolu 15 tal-Att dwar il-Minjieri (*Mijnbouwwet*) (Bullettin tal-Atti u tad-Digriet (*Staatsblad*) 2002, Nru 542), il-Ministru tal-Affarijiet Ekonomiċi jistieden lill-partijiet interessati sabiex iressqu applikazzjoni kompetittiva għal awtorizzazzjoni għall-ipprospettar ta' idrokarburi fit-taqsimha F13b tal-blokk tal-blata kontinentali tal-Olanda.

It-taqsimha F13b tal-blokk hija marbuta b'arkijiet parallelli bejn il-pari tal-punti A-B u C-D, l-arkijiet meridjani bejn il-punti tal-pari B-C u A-E u ċ-ċirku l-kbir bejn il-punti D u E.

Il-koordinati tal-punti huma kif ġej:

Punt	°	'	" E	°	'	" N
A	4	0	0,000	54	20	0,000
B	4	20	0,000	54	20	0,000
C	4	20	0,000	54	10	0,000
D	4	1	23,000	54	10	0,000
E	4	0	0,000	54	12	58,000

Il-punti msemmija hawn fuq huma definiti permezz tal-koordinati ġeografiċi tagħhom, ikkalkulati skont is-Sistema Ewropea ta' Referenza Terrestri.

It-taqsimha F13b tal-blokk tkopri żona ta' 398,7 km².

Il-Ministru tal-Affarijiet Ekonomiċi huwa l-awtorità kompetenti għall-għoti tal-awtorizzazzjonijiet. Il-kriterji, il-kundizzjonijiet u r-rekwiżiti msemmija fl-Artikoli 5(1), 5(2) u 6(2) tad-Direttiva msemmija hawn fuq huma mniżżlin fl-Att dwar il-Minjieri (Il-Bullettin tal-Atti u tad-Digriet 2002, Nru 542).

L-applikazzjonijiet jistgħu jressqu matul it-13-il ġimgħa ta' wara l-pubblikazzjoni ta' dan l-avviż fl-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u għandhom jintbagħtu lil:

The Minister for Economic Affairs
For the attention of J. C. De Groot, Director for the Energy Market.
ALP/562
Bezuidenhoutseweg 30
Postbus 20101
2500 EC Den Haag
NETHERLAND

Ma jiġux ikkunsidrati applikazzjonijiet li jidħlu wara dan il-perjodu.

Deċiżjoni dwar l-applikazzjonijiet se tittieħed sa mhux aktar tard minn 12-il xahar minn tmiem dan il-perjodu.

Għal aktar tagħrif ċempel lis-Sur E. J. Hoppel: +31 703797088.

ATTI OĦRAJN

IL-KUMMISSJONI

Pubblikazzjoni ta' applikazzjoni għal reġistrazzjoni skont l-Artikolu 6(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 510/2006 dwar il-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi u d-denominazzjonijiet tal-orġini għall-prodotti agrikoli u l-oġġetti tal-ikel

(2009/C 246/09)

Din il-pubblikazzjoni tikkonferixxi d-dritt għal oġġezzjoni għall-applikazzjoni skont l-Artikolu 7 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 510/2006. Id-dikjarazzjonijiet ta' oġġezzjoni għandhom jaslu għand il-Kummissjoni fi żmien sitt xhur mid-data ta' din il-pubblikazzjoni.

DOKUMENT WAĦDIENI

IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 510/2006

"DARJEELING"

Nru tal-KE: IN-PGI-0005-0659-12.11.2007

IĠP (X) DPO ()

1. Isem:

"Darjeeling"

2. Stat membru jew pajjiż terz:

L-Indja

3. Deskrizzjoni tal-prodott agrikolu jew tal-oġġett tal-ikel:

3.1. Tip ta' prodott:

Klassi 1.8: Prodotti oħrajn tal-Anness I għat-Trattat

3.2. Deskrizzjoni tal-prodott li għalih japplika l-isem f(1):

L-isem botaniku tal-pjanta tat-te Darjeeling huwa "camellia sinensis" M Kuntz. Il-pjanta tat-te Darjeeling hija sġajra dejjem tħaddar li tikber bil-mod, b'ħafna friegħi u b'saħħitha li jekk ma tkunx ristretta, tista' tikber sa għoli ta' 2.5 metri. Il-pjanta tat-te Darjeeling tieħu minn 6 sa 8 snin biex timmatura sabiex tagħti ħsad ekonomiku u hija magħrufa bħala pjanta ta' ħajja ekonomika ta' aktar minn 100 sena fejn ikun hemm prattiċi agrikoli tajbin. Kapaċi tirreżisti x-xitwa kiefra, in-nixfa fit-tul u l-altitudni għolja ta' Darjeeling. Il-weraq ħodor huma żgħar, b'kulur qawwi u jleqq u spiss koperti b'pil sufi ħafif fiddien u blanzuni twal. Il-produttività tat-te Darjeeling hija ħafna inqas minn ta' kwalunkwe żona tat-tkabbir tal-pjanti tat-te, u b'hekk it-te jiswa ħafna biex jinħasad u jiġi prodott. Il-produttività hija daqshekk inqas minħabba l-elevazzjonijiet għoljin taż-żona ġeografika u l-kundizzjonijiet klimatiki rari. Il-pjanta tat-te Darjeeling inżergħet għall-ewwel darba fil-bidu tas-seklu 19. Matul is-snin din adattat għall-ambjent naturali tagħha u żviluppat il-karatteristiċi indiġeni, jiġifieri l-karattru Darjeeling uniku msemmi mill-assaġġaturi tat-te rinomati u mill-konsumaturi.

Meta jsir, it-te Darjeeling jagħti kulur li jvarja minn lewn bati ta' lumi għall-ambra rikka. Jingħad li x-xarba għandha diversi gradi ta' luminożità viżwali, profondità u qawwa. It-togħma u t-togħma ta' wara huma kumplessi u pjaċevoli; hi waħda penetranti b'attributi ta' aroma u *bouquet*. Spiss issir referenza għall-karatteristiċi organolettiċi tax-xarba sħuna mit-te Darjeeling bħala waħda morbida, armonjuża, kompluta, delikata, matura, ħelwa, vivaċi, xotta u aromatika.

Il-komponenti kimiċi preżenti fit-te Darjeeling f'konċentrazzjonijiet għolja ħafna huma l-ossidu tal-linalol I, II, III u IV. Il-linalol, il-ġeranjol, il-metil saliciklat, l-alkoħol benziliku, 2-feniletanol, diidroaktinidijolide, l-aċidu eżanojku, l-aċidu cis-3-eżenojku, l-aċidu trans-2-eżenojku, l-aċidu trans-ġeranojku, 3,7-dimetil-1,5,7-oktatrijen-3-ol (jista' jiġi kkwantifikat bħala % ta' 0,36 % sa 1,24 %) u 2,6-dimetil-3,7-oktadjene-2, 6-djol (kwantifikat bħala % ta' 3,36 % sa 9,99 %). L-aħħar żewġ komponenti huma preżenti f'konċentrazzjonijiet għoljin ħafna (li jitlejgħu sa 1,24 % u 9,99 % rispettivament).

It-togħma rari tat-te Darjeeling hija riżultat dirett ta' taġġid ta' ġeni tal-pjanti li huma indiġeni għaż-żona ta' Darjeeling; il-kimika tal-ħamrija li hija rikka fil-minerali, l-għoljiet ta' Darjeeling li jieħdu ħafna xita (sa 160 pulzier fis-sena), l-altitudni (l-ogħla 2 250 metru u l-iżjed baxxa 600 metru) u l-varjazzjoni unika tat-temperatura (bejn 5 u 30 °C). L-effett tal-kundizzjonijiet agroklimatiċi inkluż id-dawl, it-temperatura, l-umdità, ix-xita, eċċ., għandu rwol importanti għall-produzzjoni tal-metaboliti sekondarji marbuta mal-kwalità tat-te Darjeeling. Ġie osservat li xi varjetajiet tat-te miżrugħin f'partijiet oħra tal-pajjiż li għandhom kundizzjonijiet agroklimatiċi differenti ma jipproduċux l-*aroma*/it-togħma unika tat-te Darjeeling.

L-industrija tat-te Darjeeling issegwi sett ta' prattiki agrikoli stabbili li ġew żviluppati u użati għal aktar minn 150 sena biex in-nebbieta jiefqu jitwalu, filwaqt li jżommu għoli komdu ħalli jsir il-qtugħ bl-idejn. Kull kilo ta' te magħmul jikkonsisti minn madwar 20 000 nebbieta miġbura bl-idejn individwalment. Dan jagħti idea tal-ammont ta' sforz uman li jmur fil-produzzjoni tiegħu.

It-te Darjeeling jiġi pproċessat bil-metodu ortodoss tradizzjonali biss, fejn l-isforz uman u l-ġharfien/is-sengħa tradizzjonali jidħlu f'kull stadju, u li huwa magħruf bħala l-istil Darjeeling tal-manifattura.

Hemm tliet gradi differenti ta' daqsijiet ta' te Darjeeling li huma tradizzjonalment magħrufa bħala *Whole Leaf*, *Broken* u *Fannings*.

3.3. Materja prima:

Mhux applikabbli.

3.4. Għalf (għall-prodotti li ġejjin mill-*animali* biss):

Mhux applikabbli.

3.5. Fażijiet speċifiċi fil-produzzjoni li jridu jsiru fiż-żona ġeografika identifikata:

Il-qtugħ tat-te Darjeeling jibda fl-aħħar ta' Frar/bidu ta' Marzu u jispiċċa sa nofs Novembru skont il-kundizzjonijiet tat-temp u l-ambjent tat-temperatura; ix-xhur tax-xitwa kesħin minn Diċembru sa Frar huma perjodu ta' inattività. Sġajra tat-te Darjeeling taġġi biss minn 50 sa 100 gramma ta' te magħmul fis-sena. Il-metodu tal-qtugħ tat-te Darjeeling huwa teknika/sengħa speċjali, li huwa għarfien tradizzjonali li jgħaddi minn ġenerazzjoni għall-oħra. Il-qtugħ isir primarjament minn ħaddiema tas-sengħa nisa għaliex il-weraq hodur jeħtieġu li jinqabdu b'delikatezza sabiex tinżamm il-kwalità.

Wara l-ħsad, il-weraq tat-te Darjeeling jiġu pproċessati bil-metodu ortodoss tradizzjonali biss fl-istil ta' manifattura tipika ta' Darjeeling fil-fabbriki li jinsabu f'għonja speċifiċi fiż-żona tat-te Darjeeling definita biss. L-ġharfien/is-sengħa tradizzjonali jgħaddu minn ġenerazzjoni għall-oħra u huma involuti f'kull stadju tal-proċess. In-natura sensittiva għall-aħħar tal-weraq ħadra maqtugħa b'mod delikat tirrispondi l-aħħar għal trattament ġentili. Għalkemm varjetajiet differenti tal-weraq jirrikjedu varjazzjonijiet intrikati fil-ipproċessar, l-istadji segwiti huma uniformi.

L-ipproċessar tat-te Darjeeling iseħħ fil-fabbriki li jinsabu biss ġewwa l-għonja tat-te notifikati. L-ixxutar, l-għażla, il-klassifikazzjoni u l-ippakkjar tat-te Darjeeling iseħħu esklussivament fil-fabbriki fiż-żona tal-għonja tat-te notifikati. Huwa importanti li wieħed jinnotta li ma jsir l-ebda proċessar barra l-għonja tat-te.

Għalhekk, l-istadji kollha tal-produzzjoni tat-te (il-ħsad, it-tnixxif u l-ipproċessar) iseħħu fiż-żoni definiti.

Meta l-weraq tasal fil-fabbrika, din tkun "dblet". L-għan tad-tidbil huwa li l-indewwa tevapora bil-mod minn fuq il-weraq hodur matul perjodu ta' 14 sa 16-il siegħa. Il-weraq tinxtorob u tirtab ħalli tkun tiflaħ għat-tgħawwiġ u l-brim mekkaniku. Il-karatteristiċi tax-xarba wkoll jibdeu jiżviluppaw wara l-bidliet fiżiċi u kimiċi ġewwa l-istruttura tal-weraq.

Il-weraq hodur jiġu sseparati u mifruxa b'mod uniformi fuq skrins tax-xibka tal-wajer li jitpoġġew fuq "mejjjeli" ddisinjati apposta li jidhru qishom kaxxi tal-injam twal ħafna. Kull mejjjela hija kamra tal-arja li tgħin sabiex l-arja friska niexfa tgħaddi b'manjera regolata minn ġol-weraq hodur sakemm jintlaħaq it-"tidbiel" mixtieq. Bejn wieħed u ieħor, 75 % tal-kontenut tal-ilma fil-werqa ħadra friska jevapora f'dan l-istadju.

Il-werqa midbiela mbagħad titneħħa mill-mejjjela u titpoġġa u tiddawar fil-magni tar-rumblar, li, billi jġiegħlu l-werqa midbiela tirrombla taħt pressjoni, jgħawġu l-werqa, jifqgħu ċ-ċelloli u jirrilaxxaw il-meraq naturali, u b'hekk isseħħ l-ossidazzjoni u l-aċċelerazzjoni tal-pigmentazzjoni. Issir superviżjoni metikoluża ħafna tal-pressjonijiet u s-sekwenzi tar-rumblar sabiex ikun żgurat li dan kollu jkun sar fl-aħjar stil, mingħajr l-effett ta' detriment tas-sħana żejda.

Imbagħad, il-werqa tinfirex irqiq irqiq f'kamra friska b'ventilazzjoni tajba sabiex tossida bil-mod (tiffermenta). Dan l-istadju, fejn il-flavanoli jaqdbu mal-ossiġenu fl-arja, jestendi fuq perjodu li jvarja minn sagħtejn sa erba' sigħat, u primarjament jiddependi mit-temperatura tal-ambjent u l-umdità relattiva. Persuna li għandha l-esperjenza fl-għemil tat-te tiġġudika f'intervalli regolari l-ammont tal-iżvilupp tal-kwalità mir-riħa li toħroġ progressivament mill-werqa. Dan il-ġudizzju sensorju huwa kritiku għall-kwalità tat-taħlita magħmula. Għal min ikun qed iżur, ir-riħa rikka ta' fjuri li toħroġ mill-kamra tal-brim u l-fermentazzjoni (l-ossidazzjoni) tad-Darjeeling hija waħda li tmur għal rasek u żgur li ma tinsihex.

Darba li tintlaħaq il-fermentazzjoni (ossidazzjoni) ottima, il-werqa ossidata tittieħed biex tintxewa fil-forn (jew titnixxef) sabiex titwaqqaf il-fermentazzjoni (l-ossidazzjoni) billi jiġu diżattivati l-enzimi, u biex titneħħa l-indewwa kollha li jkun fadal fil-werqa. In-Nixxiefa tat-Te hija kamra li tesponi l-werqa ffermentata (ossidata) għall-arja sħuna niexfa, f'temperaturi varji regolarizzati ġewwa l-partijiet tagħha, għal tul ta' 20 sa 30 minuta. Xiwja tajba tnaqqas il-kontenut tal-indewwa fil-prodott finali għal inqas minn 2 %, u tirriżulta f'te niexef frisk, li mbagħad jingħata grad skont id-daqs billi jingħadda minn passaturi li jvibrav. Dawn il-gradji differenti finalment jiġu ffatturati, ippakkjati f'flottijiet/pakketti tal-fojl iddisinjati sabiex iżommu t-te frisk u l-kwalità għal perjodu ta' żmien twil.

Wara li titlesta l-gradazzjoni finali, jiġu assenjati n-nomenklaturi skont id-daqs tal-grad. Dawn jidhru fi tliet kategoriji:

- (a) Whole Leaf — FTGOP — Fine Tippy Golden Flowery Orange Pekoe;
- (b) Broken — TGBOP — Tippy Golden Broken Orange Pekoe;
- (c) Fannings — GOF — Golden Orange Fannings.

Id-differenza l-kbira bejn dawn it-tliet kategoriji hija d-daqs.

Orange Pekoe huwa terminu li jintuża primarjament biex jiddeskrivi grad fis-sistema tal-gradji tal-istess isem li tintuża biex tagħżel it-tejiet Suwed. Is-sistema msejsa biss fuq id-daqs tal-weraq tat-te iswed ipproċessati u mnixxfa.

Il-gradazzjonijiet t'hawn fuq huma marbuta biss mad-daqs tal-werqa sħiħa wara l-ipproċessar u mhux mad-differenzi fil-kwalità. Il-gradji kollha huma l-prodott tal-istess werqa ħadra. In-nomenklaturi jintużaw biex jiddistingwu l-grad tat-te magħmul skont id-daqs tal-weraq tat-te wara l-ipproċessar.

3.6. Regoli speċifiċi dwar it-tqattigh, it-tahkik, l-ippakkjar, eċċ.:

Ma hemmx rekwiżiti speċifiċi għall-ippakkjar tat-te Darjeeling.

3.7. Regoli speċifiċi dwar it-tikkettar:

Fuq kull pakkett irid jiġi pprovdut in-numru tal-liċenzja tal-produttur/pakkettatur skont id-Darjeeling Protection Certified Trade Mark Scheme 1999 amministrata mit-Bord tat-Te tal-Indja (korp statutorju f'format skont l-Att dwar it-Te tal-1953 tal-Indja li jagħtihom is-setgħa jamministraw il-produzzjoni tat-te), kif ukoll il-logo reġistrat ta' Darjeeling (ċirku li fiħ rappreżentazzjoni stilizzata ta' mara Indjana li qed iżomm il-weraq tat-te). Id-disinn tal-mara jinkludi misluta tonda stilizzata u misluta oħra tal-imnieħer. Il-marka tal-kelma "Darjeeling" qiegħda miktuba fit-tond mat-tarf tax-xellug taċ-ċirku. Dawn l-elementi kollha jingħaqdu flimkien biex jagħmlu l-logo Darjeeling.



Il-logo speċjali Darjeeling, li nħoloq fl-1983 u qiegħed reġistrat fl-Indja bħala marka kummerċjali kollettiva, huwa rekwiżit tat-tikkettar, għal te li ġie ċertifikat mill-Bord bħala konformi mal-istandards u l-karatteristiċi tat-te Darjeeling. Mill-introduzzjoni tiegħu, il-logo Darjeeling dejjem deher fuq il-kaxxi/pakketti taħt il-kontroll tal-Bord.

Il-Bord tat-Te ġab ir-reġistrazzjoni tal-logo Darjeeling bħala Marka ta' Ċertifikazzjoni skont l-Att tal-Kummerċ u l-Merkanzija Indjan tal-1958.

Il-Bord tat-Te rreġistra wkoll il-logo Darjeeling taħt l-Att il-ġdid tal-Indikazzjoni Ġeografika tal-Oġġetti (Reġistrazzjoni u Protezzjoni) tal-1999.

In-nomenklatura tal-gradazzjoni mhijiex obligatorja fuq it-tikketta.

4. Defnizzjoni konċiża taż-żona ġeografika:

It-te Darjeeling jikber fid-distrett ta' Darjeeling, li jinsab fl-Istat ta' West Bengal, fl-Indja. Is-subdiviżjonijiet li ġejjin tad-Distrett ta' Darjeeling fl-Istat ta' West Bengal (fl-Indja) għandhom il-ġonna tat-te fit-territorju tagħhom: is-subdiviżjoni ta' Sadar, żona bl-għoljiet biss tas-subdiviżjoni ta' Kalimpong Sub li tinkludi s-Samabeong Tea Estate, l-Ambiok Tea Estate, il-Mission Hill Tea Estate, l-Upper Fagu u l-Kumai Tea Estates u s-subdiviżjoni ta' Kurseong bl-esklużjoni taż-żoni fil-lista ta' ġurisdizzjoni 20, 21, 23, 24, 29, 31 u 33 li tinkludu s-subdiviżjoni Subtigiuri ta' New Chumta Tea Estate, is-Simulbari u l-Marionbari Tea Estate tal-Għassa tal-Pulizija ta' Kurseong fis-subdiviżjoni ta' Kurseong. Il-ġonna tat-te jinsabu f'altitudni ta' bejn 600 u 2 250 metru fuq għoljiet wieqfa li jipprovdu sistema ta' skular naturali ideali għall-ammont ġeneruż ta' xita li jinżel fid-distrett.

5. Rabta maż-żona ġeografika:

5.1. Speċifità taż-żona ġeografika:

Il-ġonna tat-te jinsabu f'altitudni ta' bejn 600 u 2 250 metru fuq għoljiet wieqfa li jipprovdu sistema ta' skular naturali għall-ammont ġeneruż ta' xita li jinżel fid-distrett. Huwa importanti li wieħed jinnota r-relevanza tal-elevazzjoni, għax hija speċifika għall-Kwalità Darjeeling. Flimkien ma' dan, is-sħab u d-dawl tax-xemx intermittenti jingħaqdu flimkien biex joħlqu l-karattru uniku tat-te Darjeeling.

Il-ħamrija hija rikka u l-art bl-għoljiet tipprovdi sistema ta' skular naturali għax-xita ġeneruża li tinżel fid-distrett.

Minħabba t-temperatura dejjem baxxa, ir-rata metabolika (fotosinteżi) tal-pjanta tat-Te Darjeeling hija ħafna inqas minn kwalunkwe pjanta tat-te oħra, li trażżan it-ħabbir tal-werqa ħadra u żżid il-konċentrazzjoni tal-karatteristiċi kimiċi naturali.

Iż-żona tat-ħabbir tat-te Darjeeling tinsab fis-seba' widien tal-għoljiet Darjeeling li jħarsu direttament lejn il-Ħimalajas u l-quċċata tal-muntanja ta' Kanchenjunga li hija t-tielet l-għola quċċata ta' muntanja fid-dinja. Ir-riħ kiesaħ li jonfoħ mill-Ħimalajas matul is-seba' widien f'temperaturi varji matul is-sena huwa wieħed mir-raġunijiet li jirriżultaw fit-togħma unika ta' Darjeeling. Barra minn hekk, l-għoljiet Darjeeling jesperjenzaw iċ-ċpar matul il-lejl li jikkondensa l-molekuli tal-ilma tal-ambjent u jmelles il-weraq tat-te Darjeeling li matul il-lejl jifforma saff ta' nida fuqhom. L-għolja Darjeeling tesperjenza ħafna xita (sa 160 pulzier u mhux inqas minn 80 pulzier) fis-sena. L-għoljiet Darjeeling jieħdu biss madwar 4 sa 5 sigħat xemx għal 180 jum biss fis-sena. Dawn il-fenomeni naturali jikkontribwixxu sinifikatament għall-iżvilupp tat-togħma eċċezzjonali u l-karatteristiċi tat-te Darjeeling.

5.2. *Speċifità tal-prodott:*

It-Te Darjeeling huwa te magħruf konsiderevolment, għaliex it-togħma tiegħu tant hija unika li ma tistax tirreplika mkien iżjed fid-dinja. Dawn l-isgajjar tat-te, li ilhom jikbru fir-reġjun tal-muntanji ta' Darjeeling għal iktar minn 150 sena huma mkabbra bix-xita intermittenti, ix-xemx u ċ-ċpar mimli ndewwa. Dawk li jaqtgħu l-weraq tat-te jieħdu biss l-aħjar żewġ werqiet u l-blanzun sabiex tinżamm it-togħma partikolari. Il-fatt li għandu dawn l-elementi naturali, is-sempliċi fatt li jiġu prodotti biss bejn 9 u 10 miljun kilo ta' Te Darjeeling fis-sena mid-distrett ta' Darjeeling, jagħmluh esklussiv u mixtieq. Huwa prodott niċċa ta' lussu. Il-konformità ma' dan il-profil ta' kwalità għolja, jirriżulta f'rendimenti baxxi ħafna. Il-produtturi ta' Darjeeling jagħmlu kull sforz biex jiżguraw l-ogħla standards tal-kwalità minkejja l-ispejjeż għolja involuti. L-arti tal-qtuġh tat-te tal-ġenerazzjoni suċċessiva tat-tramuntana għandha valur artistiku. L-elementi umani huma preżenti f'diversi stadji tal-produzzjoni tat-te (kif spjegat hawn fuq).

It-te Darjeeling jiġi pproċessat fil-metodu ortodoss tradizzjonali biss, fejn l-isforz uman u l-għarfien/s-sengħa tradizzjonali jidhru f'kull stadju.

5.3. *Rabta kawżali bejn iż-żona ġeografika u kwalità speċifika, il-fama jew karatteristika oħra speċifika tal-prodott:*

Ġeografika u agroklimatika: Minħabba r-rabta unika u kumplessa tal-kundizzjonijiet agroklimatiċi li jiddominaw fir-reġjun li jiġbor fih is-87 ġnien tat-te ġewwa d-distrett ta' Darjeeling kif ukoll ir-regolamenti tal-produzzjoni mill-Bord, it-te prodott f'dan ir-reġjun għandu l-karatteristiċi organolettiċi distinti u li jokkorru naturali, tat-togħma, ir-rieħa u s-sensazzjoni li rebħu l-patroċinju u r-rikonoxximent tal-konsumaturi distinti fid-dinja kollha u għamlu it-Te Darjeeling prodott niċċa ta' lussu.

Topografika: Il-ġonna tat-te Darjeeling jinsabu f'altitudni ta' bejn 600 u 2 250 metru fuq għoljiet wieqfa li jipprovdu sistema ta' dranaġġ ideali naturali għall-ammont ġeneruż ta' xita li jinżel fid-distrett. It-togħma rari tat-te Darjeeling hija riżultat ta' taħlita ta' ġeni tal-pjanta, il-kimika tal-ħamrija, l-altitudni, it-temperatura u x-xita uniki għall-għoljiet Darjeeling. L-industrija tat-te Darjeeling issewwi sett ta' prattiki agrikoli stabbiliti li ġew żviluppati u użati għal aktar minn 150 sena biex il-pjanti jiefqu jitwalu, filwaqt li jinżammu f'għoli komdu ħalli jsir il-qtuġh bl-idejn.

Il-ħsad: Sġajra tat-te Darjeeling ma tagħtix iktar minn 100 gramma ta' te magħmul fis-sena (bejn 9 u 10 miljun kilo ta' Te Darjeeling jiġi prodott fis-sena mid-distrett ta' Darjeeling). Kull kilo ta' te fin jikkonsisti minn madwar 20 000 nebbieta miġbura bl-idejn individwalment. Dan jagħti idea tal-ammont ta' sforz uman li jmur fil-produzzjoni tiegħu.

Fatturi oħra: storiċi, tradizzjonali, kulturali u soċjali, kif ukoll l-uniċità speċjali u r-reputazzjoni huma marbuta ma' "Darjeeling". Fil-fatt, it-te prodott fir-reġjun ta' Darjeeling u li għandu l-karatteristiċi speċjali msemmija, huwa u ilu għal żmien twil magħruf fid-dinja tal-kummerċ u mal-pubbliku ġo u barra mill-Indja bħala te Darjeeling u b'dan il-mod ħa reputazzjoni sostanzjali domestika u internazzjonali. Kwalunkwe membru tal-kummerċ jew il-pubbliku ġo jew barra mill-Indja li jordna te Darjeeling jew ra t-te Darjeeling riklamat jew offrut għall-bejgħ jistenna li t-te ordnat, riklamat jew offrut għall-bejgħ ikun it-te kultivat, imkabbar u prodott fir-reġjun imsemmi qabel tad-distrett ta' Darjeeling u li jkollu l-karatteristiċi speċjali msemmija qabel. Għalhekk, l-isem "Darjeeling" għal te mid-distrett ta' Darjeeling fl-istat ta' West Bengal, ħa uniċità speċjali u reputazzjoni fil-fehma pubblika meta jintuża b'rabta mat-te prodott fir-reġjun imsemmi qabel tad-distrett imsemmi sabiex id-dritt li jintrabat ma' dan it-tip ta' te jiffirma parti mir-reputazzjoni speċifika għal dawk kollha li huma assoċjati bi dritt mar-reġjun imsemmi. Il-prezzijiet tat-Te Darjeeling huma wkoll ogħla minn ta' tejt oħrajn fl-Indja u kumplessivament fis-suq dinji. Fi kliem ieħor, l-isem "Darjeeling" meta jintuża flimkien ma' te, jikkwalifika bħala indikazzjoni ġeografika fl-Indja.

Referenza għall-pubblikazzjoni tal-ispeċifikazzjoni:

<http://ec.europa.eu/agriculture/quality/door/appliedName.html?denominationId=10087>

RETTIFIKA

Rettifika għall-Opinjoni tal-Kummissjoni fil-qafas tal-Artikolu 17(5) tad-Direttiva 2003/88/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tikkonċerna ċerti aspetti tal-organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol ("Id-Direttiva dwar il-Ħin tax-Xogħol")

(Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea C 245 tat-13 ta' Ottubru 2009)

(2009/C 246/10)

It-Testi tad-Dokumenti 2009/C 245/01, 2009/C 245/02 u 2009/C 245/03 ppubblikati f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea C 245 tat-13 ta' Ottubru 2009, f'paġni 1, 6 u 10 għandhom ikunu ikkunsidrati nulli u bla effett.

ATTI OĦRAJN

Il-Kummissjoni

2009/C 246/09	Pubblikazzjoni ta' applikazzjoni għal reġistrazzjoni skont l-Artikolu 6(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 510/2006 dwar il-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi u d-denominazzjonijiet tal-oriġini għall-prodotti agrikoli u l-oġġetti tal-ikel	12
---------------	---	----

Rettifika

2009/C 246/10	Rettifika għall-Opinjoni tal-Kummissjoni fil-qafas tal-Artikolu 17(5) tad-Direttiva 2003/88/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tikkonċerna ċerti aspetti tal-organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol ("Id-Direttiva dwar il-Ħin tax-Xogħol") (ĠU C 245 13.10.2009)	17
---------------	--	----



PREZZ TAL-ABBONAMENT 2009 (mingħajr VAT, inklużi l-ispejjeż tal-posta b'kunsinna normali)

Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L+C, edizzjoni stampata biss	22 lingwa uffiċjali tal-UE	1 000 EUR fis-sena (*)
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L+C, edizzjoni stampata biss	22 lingwa uffiċjali tal-UE	100 EUR fix-xahar (*)
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L+C, stampati + CD-ROM annwali	22 lingwa uffiċjali tal-UE	1 200 EUR fis-sena
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L, edizzjoni stampata biss	22 lingwa uffiċjali tal-UE	700 EUR fis-sena
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L, edizzjoni stampata biss	22 lingwa uffiċjali tal-UE	70 EUR fix-xahar
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje C, edizzjoni stampata biss	22 lingwa uffiċjali tal-UE	400 EUR fis-sena
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje C, edizzjoni stampata biss	22 lingwa uffiċjali tal-UE	40 EUR fix-xahar
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L+C, CD-ROM fix-xahar (kumulattiva)	22 lingwa uffiċjali tal-UE	500 EUR fis-sena
Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S), Swieq Pubbliċi u Appalti, CD-ROM, żewġ edizzjonijiet fil-ġimgħa	multilingwi: 23 lingwa uffiċjali tal-UE	360 EUR fis-sena (= 30 EUR fix-xahar)
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje C – Kompetizzjonijiet	Skont il-lingwa/i tal-Kompetizzjoni	50 EUR fis-sena

(*) Il-prezz kull kopja: bi 32 paġna: 6 EUR
minn 33 sa 64 paġna: 12 EUR
aktar minn 64 paġna: Prezz fiss għal kull każ

L-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, li joħroġ fil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, hu disponibbli f'22 verżjoni lingwistika. Inklużi fih hemm is-serje L (Leġiżlazzjoni) u C (Komunikazzjoni u Informazzjoni).

Kull verżjoni lingwistika jeftiġilha abbonament separat.

B'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 920/2005, ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali L 156 tat-18 ta' Ġunju 2005, li jistipula li l-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea mhumiex temporanjament obbligati li jiktbu l-atti kollha bl-Irlandiż u li jippubblikawhom b'din il-lingwa, il-Ġurnali Uffiċjali ppubblikati bl-Irlandiż jinbiegħu apparti.

L-abbonament tas-Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (Serje S – Appalti u Swieq Pubbliċi) jiġbor fih it-total tat-23 verżjoni lingwistika uffiċjali f'CD-ROM waħdieni multilingwi.

Fuq rikjesta, l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jagħti d-dritt li l-abbonat jirċievi diversi annessi tal-Ġurnal Uffiċjali. L-abbonati jiġu mgħarrfa dwar il-ħruġ tal-annessi permezz ta' "Avviż lill-qarrej" inserit f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Bejgħ u Abbonamenti

Il-pubblikazzjonijiet bil-flus editjati mill-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet huma disponibbli mill-uffiċini tal-bejgħ tagħna. Il-lista tal-uffiċini tal-bejgħ hi disponibbli fuq l-internet fl-indirizz li ġej:

http://publications.europa.eu/others/agents/index_mt.htm

EUR-Lex (<http://eur-lex.europa.eu>) joffri aċċess dirett u bla ħlas għal-liġijiet tal-Unjoni Ewropea. Dan is-sit jippermetti li jkun ikkonsultat *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u jinkludi wkoll it-Trattati, il-leġiżlazzjoni, il-ġurisprudenza u l-atti preparatorji tal-leġiżlazzjoni.

Biex tkun taf aktar dwar l-Unjoni Ewropea, ikkonsulta: <http://europa.eu>



L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT